MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 374/2013

**WasteServ Malta Ltd. (C 30560)**

**vs**

**Neville Montebello**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Novembru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef, disa' mija u disgha u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,989.76) liema somma tirraprezenta bilanc minnu dovut ghal

servizz ta’ rimi u depozitu ta’ skart u materjal fil-facilitajiet immexxija mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat skond riferta pozittiva tal-Marixxall Ivan Spiteri Bianchi datata 14 ta’ Mejju 2014 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici, fil-Kunsill Lokali tal-Imsida kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida (fol. 16 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta’ publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta’ Mejju 2014 (fol 21) u fil-gazzetta lokali In-Nazzjon nhar l-4 ta’ Gunju 2014 (fol 19).

Rat illi fis-seduta tal-25 ta’ Gunju 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tal-25 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija u disgha u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€3,989.76) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors promotur.**

**L-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax dekorribbli mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------